MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Numru. 989/2012

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Mario Vella, iben Joseph, imwieled l-Ingilterra fl-14 ta' Frar, 1963, karta ta' l-identita numru 21191(M)
u
Darren Mizzi, iben Joseph, imwieled Pieta' fl-20 ta' Settembru, 1981, karta ta' l-identita numru 523781(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati:
1. talli fis-27 ta' Settembru, 2012 għal ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart ta' fil-għodu, waqt li kienu Marsaxlokk, bil-ħsieb li jagħmel delitt u cioe' serq mill-fond 'Sultan Bazar', Triq iż-Żejtun, urew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u

indipendenti mill-volonta' tagħhom u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-valur li jiskorri l-€2,329.37;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara fil-fond fuq imsemmi għad-dannu ta' Jason Gauci minn Marsaxlokk, liema ħsara tiskorri €116.47 imma anqas minn €1,164.69;

lil **Mario Vella**, waħdu:

3. talli fil-lejl ta' bejn is-26 u is-27 ta' Settembru, 2012 f'dawn il-Gżejjer, naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti ta' Malta, wara li nhar il-21 ta' Frar, 2010 huwa ngħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijjiet, fosthom li ma jikkomettiex reat/i ta' natura volontarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru, 2012 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Rat illi l-ħsara li huma għamlu tlaħħaq is-somma ta' €244 u l-imputati obbligaw rauħhom li fis-seduta li tmiss iħallas id-danni kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputati ħallsu seduta stante d-danni kollha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat **Mario Vella** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(ċ), 267, 279(b), 325(1)(b) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fatt li ħallas id-danni. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin. Minbarra dan, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Issib lill-imputat **Darren Mizzi** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(1)(a), 261(ċ), 267, 279(b), 325(1)(b) u 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Rat l-ammissjoni bikrija u il-fatt li ħallas id-danni. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu

446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------